# ĠRAJJA TA' ŻMIEN IL-GWERRA

# NIKET U FERĦ

**George Cilia**

**Malta sabet ruħha mdaħħla fit-Tieni Gwerra Dinjija sa mill-10 ta' Ġunju, 1940 sakemm fl-aħħar waslet ir-rebħa ta' l-alleati fit-8 ta' Settembru 1943. In-nies tal-Kottonera kienu mwissija biex joħorġu minn dik in-naħa ta' pajjiżna minħabba l-periklu kbir li kien jeżisti fil-każ li kienu jibdew l-attakki ta' l-għadu mill-ajru. Il-Kottonera, il-Belt, u l-Furjana mdawrin bil-Port il-Kbir u t-Tarzna jkunu l-mira ta' l-għadu, għalhekk ikun aħjar li l-abitanti jsibu xi post għall-kenn fl-irħula tan-naħa ta' fuq ta' pajjiżna.**

Hekk seħħ fil-11 ta' Ġunju: gżiritna ġiet attakkata bi ħruxija kbira bil-bombi mill-ajru; kulħadd twerwer u bla telf ta' żmien, dakinhar stess, sar l-esodu 'il barra minn dawn l-ibliet. Missieri, ommi, jien u oħti tlaqna b'karozzin lejn Wied il-Għajn b'ta' fuqna senduqna, fil-post tal-villeġġjatura. Imma d-destin raġa' laqatna ħażin. Ħabta u sabta l-Gvern ħareġ twissija urġenti lin-nies ta' dan il-lokal biex minnu fih jitilqu 'il barra minn Wied il-Għajn. M'hemmx x'tagħmel, kellna ndabbru rasna x'imkien ieħor. Iz-zija, oħt ommi, li sa minn ġimgħa qabel ma bdiet il-gwerra kienet telqet lejn Ħaż-Żebbuġ, f'dar fi Triq De Rohan, semgħet din l-aħbar. Bla telf ta' żmien bagħtetilna messaġġ mal-pulizija biex aħna nitilgħu Ħaż-Żebbuġ, fejn sabitilna karma ġo dar kbira fi Triq Mamo. Mat-twissija li ħareġ il-Gvern, taxis, karozzini u karozzi tal-linja niżlu fil-pjazza ta' Wied il-Għajn biex iġorru 'l kulħadd lejn l-irħula ta' fuq. F'dik il-fixkla u konfużjoni kollha sibna *taxi* u tlaqna lejn Ħaż-Żebbuġ. Sibna liz-zija tistenniena fil-bieb, u laqqgħatna ma' sid id-dar, is-Sur Kelin u s-sinjura tiegħu Liża.

Is-Sur Kelin, pensjonant, kien fi żmienu s-surmast tal-banda tar-raħal. Miżżewweġ u bla tfal, ħaseb u ra kif għamel biex mid-dar kbira li kellu jikri ħames kmamar separati minn xulxin lil ħames familji refuġjati li sabu kenn fir-raħal. Missieri ftiehem miegħu fuq il-kera fix-xahar; bl-użu ta' lampa waħda ta' l-elettriku fil-kamra. Ilma ma kienx hemm – kien irid jinġieb minn fuq l-għajn tal-gvern, viċin ħafna tad-dar. Għall-ilma maħmuġ kien hemm fossa komuni, responsabbli għaliha s-sid. L-erba' familji fl-erbat ikmamar l-oħra sirna nafuhom mill-ewwel. Kieni mit-tlett ibliet, ħbieb tagħna lkoll. Tfal żgħar ma kienx hemm.

Meta għadda ftit taż-żmien, il-biża' naqas sewwa. Meta ddoqq is-sirena b'sinjal li ġej l-għadu, konna ninġabru fl-intrata. Is-Sur Kelin kien qal li kienet l-aktar parti soda tad-dar; kienet dobblu, bis-saqaf mibni troll. Konna nitolbu li ma nsofru l-ebda danni. Jekk l-isparar jitqawwa konna nitolbu biex l-ajruplani jitfgħu il-bombi fil-baħar jew fil-ħamrija! Sa l-ewwel sena tal-gwerra, bombi fir-raħal ma waqgħux. Għall-ewwel, il-knisja ta' Mamo kienet magħluqa – sakemm f'xi żmien daħlu fiha xi refuġjati oħra. Il-knisja tal-parroċċa dejjem mimlija bin-nies jisimgħu il-quddies li kien jiġi ċċelebrat il-ħin kollu tal-ġurnata. Il-ġirien kien jagħdruna u kienu jixtieq jgħinuna.

La qed nitkellmu fuq il-ġirien ma rridx ninsa nsemmi lil Ġiljanu, ġuvni jgħix ma' oħtu l-miżżewġa. Kien jaħdem fuq karozza tal-linja tar-raħal, bniedem twajjeb, mill-aħjar, jixtieq jgħin lir-refuġjati kollha. Meta sar jaf kif konna ħallejna ħwejjiġna bl-għamara b'kollox warajna fid-dar tal-Birgu, ġie fuqna u wegħidna li hu kien lest jinżel sal-Birgu bit-trakk u jġorrilna l-għamara sar-raħal qabel ma d-dar tintlaqat bil-bombi. Imma l-għamara fejn konna se naħżnuha? F'kamartna ma kellniex post. Missieri beda jistaqsi 'l hinn u 'l hawn għal xi karma vojta, mqar kantina, fejn nistgħu naħżnu l-għamara. Waħda ġara oħra minn ta' ħdejna saret taf bil-problema tagħna. Bla kliem xejn, akkwistat il-muftieħ ta' kamra, bla servizzi ta' xejn, fi Triq Kempis, biżżejjed kemm toqgħod l-għamara. Ġiljan, għalhekk, seta' jinżel bit-trakk sal-Birgu – Birgu fantażma, il-bini jirbombja ma kull kelma - fetaħ il-bieb tad-dar, għabba kollox fuq it-trakk u saq lejn Triq Kempis. Tista' tgħid kollox salvajna. Ġiljan ma ried ħlas ta' xejn, imma ommi għaddiet biċċtejn għamara lil oħt Ġiljan, għall-kamra tat-tfal żgħar tagħha.

## IL-GWERRA TIĦRAX, IL-ĦAJJA TEĦZIEN.

Għall-bidu ta' l-1941, gżiritna bdiet tiġi attakkata mhux biss mill-ajruplani Taljani imma anke minn dawk Ġermaniżi li kienu niżlu fil-bażi ta' Sqallija. L-attakki mill-ajru żdiedu bil-lejl u bin-nhar u bi ħruxija liema bħala. Bdejna nisimgħu bl-imwiet tal-Maltin fis-servizzi militari u ċivili. Anke fir-raħal intefgħu il-bombi u ntradmu n-nies. Mina niżlet bil-paraxut ħdejn il-knisja tad-Dawl. B'għaġeb ta' kulħadd, ma splodietx. L-ikel naqas drastikament; kollox razzjonat; ħtiġijiet oħra essenzjali għal-ħajja drajna ngħaddu mingħajrhom. Infetħu l-*Victory Kitchens* ma' Malta kollha – biex tieħu porzjoni ridt ikollok il-kupun ta' sehmek. Bdew jitħaffru x-xelters għall-pubbliku u fid-djar privati. Aħna tħajjarna. Ftehemna u qbilna li jitħaffer xelter b'żewġ bokok: waħda fil-bitħa u l-oħra fil-ġnien. Is-Sur Kelin qabel, imma bil-kundizzjoni li sehemu fil-flus ma jħallsux, u jkun jista' juża x-xelter kell meta jrid. Pietru, pensjonant tal-flotta Ingliża u

martu Sunta stqarrew li flus ma kellhomx, u xtaqu jinżlu fix-xelter xorta. Familja oħra – ta' Ġovanna – mara anzjana mixħuta f'sodda bla saħħa, flimkien mat-tliet ulieda ta' eta` nofsana, skartaw l-idea tax-xelter b'rispett lejn ommhom, li ma setgħatx tqum mis-sodda. Aktar mal-gwerra ħraxet u l-ħajja ħżienet, aktar bdiet tintilef l-armonija ta' bejnietna. Il-kalma u s-soledarjeta` bdew jisfumaw fix-xejn; In-nervi bdew jisplodu u bdew il-botti lil xulxin. Sadattant ix-xelter tħaffer, il-baqqunier tħallas, u mad-daqq tas-sirena u l-isparar tal-kanuni kulħadd kien jinżel jiġri fix-xelter. Darba waħda, fix-xitwa, ħakmet lill-gżiritna maltempata kbira, bix-xita nieżla l-ħin kollu. Ix-xelter imtela bl-ilma. Is-sirena ħabbret attakk ieħor. Fix-xelter ħadd ma seta' jinżel. X'nagħmlu?

Kien hemm fir-raħal raġel magħruf għat-tisqija tal-ġonna bil-mutur tiegħu. Qabbadnieh ibattlilna l-ilma mill-fond tax-xelter malajr kemm jista' jkun. Qdiena, u ried jitħallas ta' xogħlu. Ħaġa ta' l-iskantament - ħadd ma ried joħroġ sehmu. Hawnhekk mhux botti bdew jgħaddu bejnietna; bdew l-insulti bejn ir-refuġjati. L-inkwiet kompla żdied meta sirna nafu li anke l-kera tax-xelter, mhux il-familji kollha kienu jħallsu bl-istess rata. Biex tkompli tagħqad il-borma, jien kont spiss nidħol fil-ġnien baxx baxx, inħares u nistagħġeb b'dawk is-siġar kollha mimlija larinġ, mandolin, rummien u anke tal-banana, bl-għanqud tal-frott. Ġurnata fost l-oħrajn dħalt fil-ġnien u ddeċidejt li naqta' larinġa. Is-Sur Kelin induna bil-larinġa moħbija fil-but tal-qalziet qasir. Sejjaħli u ried ikun jaf x'għandi fil-but. Inqbadt. M'għandniex xi ngħidu, sar qorti sħiħ. Is-Sur Kelin u s-Sinjura Liża bdew spiss jitkellmu b'leħen għoli u jgħidu kemm f'dawn il-ġranet kienu żdiedu l-ħallelin, u naqsu l-balklori fil-Port il-Kbir. Ommi wissietni biex ma nidħolx iżjed fil-ġnien. Dawk l-esklamazzjonijiet kienu maħsubin għalina, biex ikomplu jżidu d-dieqa ta' qalbna.

## IL-GWERRA SE TINTREBAĦ ŻGUR

Fl-1942 il-bombi komplew jagħmlu ħerba mhux biss fuq il-portijiet, it-tarzna u l-ajrudromi, iżda kullimkien. F'April intlaqtet id-dar tagħna fil-Birgu. Ommi bkiet. Kienet id-dota tagħha taż-żwieġ. Il-ħajja saret iddisprata għalina. Tkellimna mas-sidien tal-bini fir-raħal, inkluż il-prokuratur tal-knisja ta' San Filep, għax la darba konna drajna r-raħal, stajna nibqgħu hemm, basta nsibu dar bil-bieb għal rasna. Iżda kollu ta' xejn. Il-problema ta nuqqas ta' djar kienet fl-aqwa tagħha. Biżżejjed ngħidu li ntlaqtu ma' l-24,000 dar bil-ħidma ta' l-għadu.

# BDEW JIĠU ĦAFNA NISA FIL-ĦANUT, JISTAQSU LIL FREDU META SE TISPIĊĊA L-GWERRA!

F'Awissu beda jfeġġ xaqq dawl. Daħal f'Malta il-konvoy "ta' Santa Marija", li ta' ħajja ġdida lill Malta. F'Novembru waslu erba' vapuri oħra mgħobbija bi provisti ta' ikel. Il-wasla tal-vapuri bla mittiefsa kienet sinjal tal-bidu tat-tmiem tal-gwerra. Żdied ir-razzjon; il-kwart u nofs ħobż iswed spiċċa. Fredu, sid il-ħanut tal-merċa, beda jbassar u jgħid lill-klijenti tiegħu li l-gwerra kienet waslet fit-tmiem. Bdew jiġu ħafna nisa fil-ħanut, anke minn bnadi oħra, jistaqsu lil Fredu meta se tispiċċa l-gwerra! Il-gwerra se tintrebaħ żgur, il-jum tar-rebħa hu viċin, imma meta ma nafux. Fredu kien jaf jaqra bl-Ingliż għax f'żogħżitu kien daħal fl-armata Ingliża; allura kien jifhem sewwa l-aħbarijiet ta' kuljum fuq il-mixja tal-gwerra. L-avvanz ta' l-alleati kien jidher ċar mis-siltiet fil-ġurnali Ingliżi. Dak li kien qed jixtarr seħibna ma kinux xi sigrieti militari. Kien itir bil-ferħ meta jaqra r-rebħiet militari favur tagħna kemm f'Malta u wisq iżjed fl-Ewropa u l-Afrika. Isimgħu ftit dawn l-aħbarijiet li jqajmulek kuraġġ ta' sur:

**The 8th. Army advanced beyond a number of enemy strong points, gains outstanding allies success in air and sea.**

**Here is a clear proof that U.S.A is indeed prepared to give its sons to die in the cause of an allied victory to be won on the soil of Europe. Prime Minister Winston Chirchill said now that the main force of the enemy has been broken, the battle of Egypt and that of Tobrouk is over.**

**On the 15th. The church bells of Britain rang for victory to-day Sunday after 20 months of silence; this message was heard everywhere. At Westminster, the Council of Government announced the gift of LM10,000,000 to assure the people and property owners of Malta the repairs of heavy damage inflicted by the enemy. The people can thus look forward with complete confidence.**

**More merchant ships arrived in harbour. This was the news that people heard with delight, it spread like wild fire. Last week's convoy will prove to have been the turning point in the maintenance of the fortress and the allocation of increased rations is a first step for effecting immediate easement.**

**On the 23rd. Dec: New ration seales approved. Public to have a choice. Victory Kitchens become optional now that supplies situation was easier.**